minn Tonio Farrugia

## Kampjonat 1959-60

# Tensjoni u ġlied fil-partita bejn St George's u Sliema Wanderers

**Il-Ħames Ġurnata**

**10-01-1960:**
**St. George's FC – Sliema Wdrs. FC 2-1**
**H.T 1-1**
**Att: 4,219**
**Skurjaw: Ġ. Muscat (SW) pen. 3', E. Mizzi (St. Geo) 25' u L. Stivala (St. Geo) 60'.**
**Referee: John Brown.**

*St. George's FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Karmenu Frendo, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Albert Schreiner, Joe Mizzi, Peppi Delceppo, Freddie Demanuele, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Freddie Delia, Leli Stivala.

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Rudyard Mifsud, Salvu Bonnici, Ray Edwards, Albert Sant, Robbie Buttigieg, Maurice Walsh, Sammy Nicholl, Ġulinu Muscat.

1. F'partita ta' ħbiberija ta' qabel il-Kampjonat, fl-20 ta' Settembru 1959, St. George's kienu diġà għelbu lil Sliema Wanderers 3-2 fejn anke dak in-nhar kienu l-Wanderers li marru fil-vantaġġ b'goals ta' Robbie Buttigieg u Sammy Nicholl, qabel St. George's dawru r-riżultat b'goals minn Salvu Scicluna, Nenu Mizzi u Eddie Mizzi.

2. Il-goalkeeper Victor Scerri kien qed jirritorna bejn il-lasti tal-Wanderers wara li issa kien irkupra għal kollox minn uġigħ fl-ispalla. L-aħħar partita tiegħu ma' Sliema kienet fil-21 ta' Jannar 1959 meta kien weġġa' fit-telfa ta' 3-2 kontra Floriana. Scerri kien ser jiddebutta mal-Wanderers fit-Tourney tal-Milied kontra Grazer fis-27 ta' Diċembru 1959, iżda jumejn qabel huwa kien weġġa' meta ħabat bil-karozza fejn kienu sarulu tliet punti f'moħħu

3. Ġużi Bonnici ta' Sliema Wanderers tkeċċa wara biss ħames minuti wara ġlieda li nvolviet diversi players minħabba daħla kerha ta' Leli Stivala fuq il-goalkeeper Scerri. Bonnici ġie meħud l-isptar fejn irriżulta li kellu ligament ta' siequ mċarrat fl-inċident li wassal għat-tkeċċija tiegħu. St. George's ma damux wisq igawdu dan il-vantaġġ numeriku meta ħames minuti wara Bertu Schreiner ukoll tkeċċa meta xejjer daqqa ta' ponn lil Sammy Nicholl wara li reġa' qam l-inkwiet bejn diversi players. Biex ngħidu kollox, fl-inċident Schreiner ma kienx laqat lil Nicholl, ħadha fil-vojt u kien hu li tilef il-bilanċ u waqa' mal-art.

4. Ir-referee John Brown, li kien qed jiddebutta fostna, minkejja dan il-bidu li fih keċċa żewġ players fl-ewwel għaxar minuti, ma baqax iżomm l-istess dixxiplina tant li naqas li jieħu azzjoni kontra l-goalkeeper ta' St. George's Ġużi Bonnici li biex jaħli l-ħin beda jirrifjuta li jmur iġib il-ballun kull darba li Bormla kellhom goal-kick filwaqt li fit-53 minuta naqas li jkeċċi lil Ray Edwards li f'ritaljazzjoni deher ixejjer bis-sieq lil Nenu Mizzi wara li Edwards kien ġie ffawljat mill-player ta' Bormla.

5. Il-Bord tad-Dixxiplina kien issospenda lil Schreiner għal tliet logħbiet, lil Ġużi Bonnici ta' Sliema għal żewġ logħbiet wara li nstab ħati li xejjer bil-ponn lill-avversarji taħt provokazzjoni, u lil Leli Stivala ta' Bormla għal partita waħda wara li nstab ħati ta' logħob perikoluż u li qabeż fuq player avversarju. Il-Bord iddeċieda li ma kienx hemm każ kontra Ray Edwards u għalhekk ma ħareġ l-ebda sospensjoni jew multa.

6. Fit-8 ta' Frar 1960 il-goalkeeper ta' St. George's FC Ġużi Bonnici 'Il-Yumi' kien instab ħati fil-Qorti li waqt din il-partita kontra Sliema Wdrs għamel mossi mhux xierqa u tkellem b'mod abbużiv. Huwa kien ġie mmultat għaxar xelini.

7. Robbie Buttigieg wara l-partita kien mar id-dar jipprepara għat-tieg tiegħu li kellu jsir f'dak il-jum stess.

8. Il-Kunsill tal-MFA bagħat ittra ta' twissija lill-goalkeeper ta' St. George's Ġużi Bonnici u lill-player Eddie Mizzi wara l-imġieba tagħhom f'din il-partita. Mizzi kien għamel mossi mhux xierqa lejn in-nies filwaqt li Bonnici għamel l-istess lejn il-membri tal-MFA fl-Enclosure.

**16-01-1960:**
**Floriana FC – Birkirkara FC 3-2**
**H.T 2-1**
**Att: 2,517**
**Skurjaw: L. Borg (F) 20' u 25', J. Micallef (B) 29', T. Cauchi (F) 49' u L. Mallia (B) 70'.**
**Referee: Turu Lentini.**

*Floriana FC*: Albert Borg, Lolly Debattista, Pullu Mousu', Jimmy Farrugia, Fred Barry, Freddie Vella James, Lolly Schembri, Żarenu Alamango, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Twanny Sultana.

*Birkirkara FC*: Peter Galea, Tony 'Euchar' Grech, Leli Mallia, Leli Pace, Leli 'Id-Diju' Borg, Norman Bell, John Micallef, Leli Theuma, Nenu Chircop, Leli Tonna, John Muscat.

1. Mill-aħħar ħarġa tagħhom li fiha sfaw megħluba 4-1 minn Valletta, Floriana ħallew barra lill-goalkeeper Freddie Mizzi, Eddie Bonnett, Billy Dalli u 'Il-Koku' Demanuele. Dalli kien ġie wkoll sospiż mill-club wara li wera nuqqas ta' rispett lejn il-club Furjaniż. Fost il-players li daħlu fit-team, Lolly Schembri kien qed jiddebutta ma' Floriana filwaqt li Tony Cauchi kien qed jirritorna wara sospensjoni ta' tliet logħbiet wara li kien tkeċċa fil-partita Floriana kontra The Rest tal-25 t'Ottubru 1959.

2. Birkirkara niżlu għal-logħob mingħajr Frans Bonnici 'Il-Lula' u mingħajr l-aħwa Nenu u Louis Bugeja fejn minflokhom daħlu Peter Galea bejn il-lasti u ż-żewġ wings tat-team tal-Minors – John Micallef u John Muscat. Ma' Birkirkara lagħab ukoll Nenu Chircop li kien dubjuż u deher izappap sa mill-ewwel minuta. Proprjament Bonnici 'Il-Lula' kien ser jilgħab iżda meta kien fil-każin u nduna li kienu tħallew barra l-aħwa Bugeja huwa neża' l-flokk u telaq id-dar. Id-differenzi jidher li ġew irranġati mmedjatament għaliex ġurnata wara Bonnici kien qed jilgħab mar-Reserves ta' Birkirkara kontra Floriana fil-League tar-Reserves.

3. Il-goalkeeper Albert Borg ta' Floriana kien qaleb professional ftit granet qabel din il-partita biex issa ma setax jilgħab ma' Atalanta fl-Amateur League tal-MFA.

**17-01-1960:**
**Marsa FC – Valletta FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Att: 5,196**
**Skurjaw: S. Attard (M) 63'.**
**Referee: Flt. Lt. John Bent (R.A.F)**

*Marsa FC*: Asciak, Ernie Glynn, Martin Attard, Neriku Buttigieg, Franz Borg, Alfred Vassallo, Sunny Attard, J. Azzopardi, Freddie 'Steak' Abela, Freddie 'Is-Sir' Cauchi, Pawlu Attard.

*Valletta FC*: Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe Cilia, Johnnie Darmanin, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Freddie 'Il-Waniż' Borg.

1. Għal Marsa rritornaw l-aħwa Attard – Martin, Sunny u Pawlu – li kienu nieqsa

kontra Birkirkara filwaqt li taw id-debutt lill-goalkeeper żagħżugħ Asciak wara li Salvu Alamango weġġa' subgħajh fl-aħħar ħarġa kontra Birkirkara FC. Asciak kien jilgħab regolari ma' Marsa fil-kampjonat tal-U/21.

2. Il-goal tar-rebħa sorpriża wasal minn żball tal-goalkeeper Tommy Taylor meta x-xutt ta' Sunny Attard ħarablu minn idu u kemm kemm qabeż il-linja. Minuta biss qabel Frankie Zammit kien laqat il-mimduda għal Valletta.

3. L-attakkant ta' Marsa Freddie Abela 'L-Isteak' falla għall-ewwel darba milli jsib ix-xibka avverarja f'dan il-kampjonat. Proprjament huwa kien irnexxielu jiskorja lejn tmiem il-partita iżda l-goal tħassar għal offside.

**23-01-1960:**
**Hibernians FC – Ħamrun Sp. FC 2-1**
**H.T 1-1**
**Att: 4,031**
**Skurjaw: P. Mallia (Ħam) 1', Ċ. Xuereb (Hibs) 39' u J. Mizzi (Hibs) 83'.**
**Referee: Joe M. Cassar Naudi**

*Hibernians FC*: Lolly Rizzo, Joe Bugeja, Louis Theobald, Joe 'Puskas' Muscat, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Johnnie Privitera, Jimmy Mizzi, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Fredu Church, Leli Sultana, Ċikku 'In-Nagħġa' Xuereb.

*Ħamrun Sp. FC*: John Chetcuti, John Fondacaro, George Cassar, Neville Mallia, Louis Bonello, Freddie Falzon, Pawlu Buttigieg, Gejtu Briffa, Pawlu Mallia, Silvio Micallef, Freddie Borg.

1. L-Ispartans kienu qed jilagħbu mingħajr Effie Borg, 'In-Nene' Grech, Twanny Cassar 'Il-Ginger' u Freddie Sciberras 'Ix-Xibby'. Effie Borg kien għadu mweġġa', Grech kien sospiż, Twanny Cassar kien ġie sospiż għal sitt ġimgħat mill-Bord tad-Dixxiplina tal-Armata bis-sospensjoni tgħodd ukoll fil-kompetizzjonijiet tal-MFA filwaqt li Sciberras iddeċieda li jieqaf mill-football biex jikkonċentra aktar fuq it-table tennis. Sciberras kien Champion ta' Malta tat-Table Tennis. Talent ieħor lokali fl-isfera tat-table tennis f'Malta kien ir-referee Turu Lentini.

2. Anke Hibernians FC kienu qed jilagħbu mingħajr Maurice Vella Borg meta anke dan kien reġa' ħabbar li qed jirtira mill-football minħabba li ddejjaq jisma' bl-għajdut tal-korruzzjoni. Nieqsa wkoll kien hemm Sunny Anastasi li kien għadu qed iħoss l-uġiegħ fl-irkoppa u Joe Cini li mar lura ma' QPR.

3. Id-debuttant Gejtu Briffa kien akkwistat mill-Ispartans mingħand il-ġirien Sta. Venera Lightnings

Klassifika: Hibernians FC 8 pti.; St. George's FC, Valletta FC u Floriana FC 6 pti.; Sliema Wdrs. FC 5 pti.; Marsa FC 4 pti.; Birkirkara FC 3 pti.; Ħamrun Sp. FC 2 pti.

L-Aqwa Skorers: F. Abela (Marsa FC) 5 goals; F. Bonnici u N. Chircop (Birkirkara FC); L. Borg (Floriana FC); J. Zammit u J. Urpani (Valletta FC) 3 goals.

# Aħbarijiet

Fit-8 ta' Novembru, 1959, il-players tal-Minors ta' Żebbuġ Rangers inqalbu bil-vann fi triqthom lejn ix-Schreiber biex jilagħbu kontra Gżira United. Ħadd ma weġġa' ħlief għall-player wieħed li weġġa' ħafif. Il-partita ntlagħbet xorta waħda u Gżira ħarġu rebbieħa 3-0.

Fit-12 ta' Novembru, 1959, Maurice Agius ta' Vittoriosa Stars inħatar Teżorier tal-MFA minflok Jimmy Xerri de Caro li kellu jirriżenja mill-kariga wara mozzjoni ta' sfiduċja mill-Kunsill meta ma telaqx 'il barra mil-Laqgħa tal-Kumitat Olimpiku Malti kif għamel is-Segretarju tal-MFA Eugenio Bonello wara kwistjoni fuq kif kien ser jintefaq il-grant ta' £800 li kien ingħata mill-Gvern. Is-Sur Xerri de Caro xorta żamm postu fil-Kunsill tal-MFA bħala rappreżentant ta' Marsa FC.

Salvinu Schembri, li kien ħabbar li rtira mill-football, reġa' lagħab fil-15 ta' Novembru 1959 u kien brillanti għat-team tas-Servizz 1st HAA Regt. (RMA) fir-reba' 6-1 fuq 1st Bn. Royal Irish Fusilliers, f'partita tal-Garrison Senior League.

Il-pulizija tal-Għassa ta' tas-Sliema ressqu quddiem il-Qorti lit-22 player li ħadu sehem fil-partita tat-Tieni Diviżjoni bejn Żurrieq u Vittoriosa Stars (1-2) tat-22 ta' Novembru 1959 wara li qam ġlied kbir bejn il-players kollha. L-inkwiet beda lejn tmiem il-partita meta il-player Falzon ta' Żurrieq qala' daqqa ta' ras u baqa' mal-art. Mument minnhom meta Falzon kien qed jiddewwa mill-voluntiera tas-St. John Ambulance Brigade, marru fuqhom il-players Feliċ Cassar u Frans Psaila u wara li argumentaw magħhom, ħadulhom il-barmil u waddbuh bl-ilma b'kollox fuq in-nies. Quddiem il-Qorti, il-Maġistrat V. Refalo immulta £5 lill-players Feliċ Cassar, Kalċidon Vella, Joseph Sammut u Joseph Bezzina filwaqt li llibera lill-bqija minħabba nuqqas ta' provi. Fost ix-xhieda kien hemm ir-referee Benjamin Helford u l-linesmen Paul Bonnett u Robert Fulthrope. Ta' min jgħid li wara li kkalma kollox ir-referee kompla bil-partita sat-tmiem. L-ebda player ma ġie mkeċċi!

Waqt Laqgħa tal-Kunsill tal-MFA tat-30 ta' Novembru 1959, il-President tal-MFA Dr. Henry Copperstone qara ittra li nbagħtet mill-coach tat-team nazzjonali Malti s-Sur Joe Griffiths fejn fiha nforma lill-MFA li kien qed jirriżenja mill-kariga tiegħu wara li mozzjoni tal-Kunsill tal-MFA ma tħallihx jikteb artikli fuq il-paġni sportivi tal-ġurnali lokali. Din il-mozzjoni kienet tressqet mill-Viċi President tal-MFA Dr. Maurice Decesare fil-Laqgħa tal-Kunsill tal-Ħamis 26 ta' Novembru, 1959, wara li l-coach nazzjonali Joe Griffiths kien irrapporta l-partita away Tuneżija kontra Malta għall-ġurnal Times of Malta. Dr. Decesare argumenta li mhux ġust li l-coach jikteb kontra l-player tiegħu stess li jkun lagħab ħażin. Wara li nqrat l-ittra ta' riżenja tal-coach nazzjonali, Dr. Decesare ddeplora bil-qawwa lill-ġurnal 'Il-Ħelsien' li xandar bi prominenza dak li kien intqal fil-Kunsill meta dak li ntqal kien għadu biss mozzjoni u ma ttieħed l-ebda vot fuq is-suġġett. L-MFA kitbet lura lil Joe Griffiths fejn talbitu jikkunsidra d-deċiżjoni tiegħu.

Waqt żjara f'Malta, it-team Taljan tas-Serie B Messina lagħab żewġ partiti fl-Istadium tal-Gżira kontra Sliema u Floriana. Fis-6 ta' Diċembru, 1959, Messina għelbu lil Sliema 3-1. Maurice Walsh fetaħ l-iskor għas-Sliema fit-53 minuta, bl-Isqallin idawru r-riżultat b'żewġ goals fil-55 u 56 minuta minn Luigi Brugola u Giorgio Bettini, bl-istess Brugola jissiġilla r-rebħa lejn it-tmiem. Sliema kienu mingħajr Alex Gollcher, Alfred Pisani, Johnnie Gatt u Sammy Nicholl li kienu jinsabu Tuneż mat-team Olimpiku Malti. Jumejn wara Floriana wkoll sfaw megħluba minn Messina bl-iskor ta' 3-1.

Giorgio Bettini skorja għall-Isqallin fit-58 minuta, il-guest player Fredu Abela 'Steak' kiseb id-draw Furjaniż fis-70 minuta, Freddie Vella James falla penalty fil-75 minuta, biex Graziano Landoni fis-77 minuta u Sebastiano Alicata ħames minuti mit-tmiem taw ir-rebħa lill-Isqallin. Bħal Sliema, anke Floriana kellhom lil Freddie Mizzi, Eddie Bonnett, Żarenu Alamango u Billy Dalli f'Tuneż mat-team Olimpiku Malti. Huma kienu talbu lill-MFA biex jagħmlu użu mill-player Tony Cauchi li kien għadu sospiż iżda t-talba tagħhom ma ġietx milqugħa.